IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 408 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja u biex jiġu kkollegati s-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni

ANNESS

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI RILEVANTI GĦAŻ-ŻEWĠ FTEHIMIET

1. L-implimentazzjoni tal-ftehimiet previsti għandha tkun soġġetta għal mekkaniżmi ta' governanza konġunta. Dawn il-mekkaniżmi jkollhom rwoli adegwati fil-proċeduri li jiżguraw l-inkorporazzjoni tal-leġiżlazzjoni li qed tevolvi tal-Unjoni, permezz ta' allinjament dinamiku, fl-ordni legali tar-Renju Unit. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ftehimiet ikunu jinkludu dispożizzjonijiet għat-terminazzjoni unilaterali.

Prinċipji ġenerali

2. Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali komuni għandu jkollhom l-objettiv li jiżguraw li r-regoli applikabbli għar-relazzjonijiet mar-Renju Unit fl-oqsma koperti mill-ftehimiet, fejn rilevanti, jkunu dejjem l-istess bħal dawk li japplikaw fis-suq intern tal-Unjoni, u li l-interpreazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom ma jkunux jistgħu jvarjaw.

3. Filwaqt li jittieħed kont ta' dan l-objettiv, id-dispożizzjonijiet istituzzjonali jenħtieġ li jirriflettu l-prinċipji essenzjali li ġejjin u jinkludu l-elementi li ġejjin:

Allinjament dinamiku

4. Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali komuni għandhom jiżguraw li r-Renju Unit japplika dejjem, fuq bażi dinamika, il-korp sħiħ ta' dispożizzjonijiet tal-acquis tal-Unjoni li jkunu rilevanti għall-finijiet ta' kull ftehim. Dan il-korp tal-acquis tal-Unjoni għandu jiġi elenkat fil-ftehimiet bħala li huwa eżistenti fiż-żmien tal-iffirmar. L-atti legali sussegwenti tal-Unjoni għandhom jiġu inkorporati fil-ftehim rispettiv permezz ta' mekkaniżmi xierqa. L-inkorporazzjoni ta' atti rilevanti ġodda fid-dritt tal-Unjoni fil-ftehim rispettiv għandha ssir minn kumitat konġunt mill-aktar fis wara l-adozzjoni tagħhom u jekk possibbli fl-iskadenza mogħtija u tikkostitwixxi obbligu għall-Partijiet. Jekk l-iskadenza ma tiġix rispettata, il-Partijiet għandhom ikunu jistgħu jissottomettu l-każ għas-soluzzjoni tat-tilwim.

5. Fil-każ taż-żewġ ftehimiet, il-prinċipju ta' allinjament dinamiku għandu jiżgura li r-regoli identiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-fehim jiġu applikati simultanjament. Barra minn hekk, il-ftehim dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni għandu jipprevedi li ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, inkluż miżuri ta' emerġenza u dawk applikabbli għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, pjanti u oġġetti mill-bqija tad-dinja, ikunu applikabbli immedjatament għar-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja.

6. Il-ftehim dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni għandu jipprovdi l-istess possibiltajiet għar-Renju Unit biex jieħu azzjoni mmirata biex jipproteġi l-bijosigurtà u s-saħħa pubblika tiegħu bħal dawk offruti lill-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-ftehim jista' jinkludi lista qasira ta' eċċezzjonijiet limitati għall-prinċipji ta' allinjament dinamiku u ta' applikazzjoni simultanja. Għandu jsir qbil dwar eċċezzjoni biss jekk: (i) din ma tkunx twassal għall-applikazzjoni ta' standards aktar baxxi fir-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja meta mqabbla ma' dawk stabbiliti fir-regoli rilevanti tal-Unjoni; (ii) din ma tkunx tista' tiġi invokata biex tirrestriġi jew taffettwa b'xi mod negattiv ieħor id-dħul fit-territorju tar-Renju Unit ta' annimali, pjanti u oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni; (iii) tkun tirrispetta l-prinċipju li annimali, pjanti u oġġetti li jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni biss jistgħu jidħlu fl-Unjoni.

Tiswir tad-deċiżjonijiet

7. L-ebda ftehim ma għandu jagħti lir-Renju Unit id-dritt li jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni. Madankollu, ir-Renju Unit għandu jkun involut fi stadju bikri u jikkontribwixxi b'mod xieraq għal pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea għall-proċess tat-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-atti legali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti mill-obbligu ta' allinjament dinamiku u applikazzjoni simultanja. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkonsulta lir-Renju Unit fi stadju bikri tat-tfassil tal-politika. Dawn id-drittijiet ma jestendux għall-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu.

Interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-acquis tal-Unjoni

8. Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali għandhom jistabbilixxu obbligu li d-dritt tal-Unjoni jiġi interpretat u applikat fir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet bl-istess mod kif jiġi interpretat u applikat fl-Unjoni. Dan jesiġi li l-atti tal-Unjoni msemmija fil-ftehimiet u, sa fejn l-applikazzjoni tagħhom tinvolvi kunċetti tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet, jiġu interpretati u applikati f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kemm qabel u kemm wara l-iffirmar tal-ftehim korrispondenti.

Soluzzjoni ta' tilwim

9. Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali għandhom jiżguraw li t-tilwim fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni tal-ftehimiet jista' jiġi ppreżentat mill-Partijiet għal mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim abbażi ta' dak stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għar-riżoluzzjoni tagħhom jekk ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni fi ħdan kumitat konġunt. Il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jissalvagwardja l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex jinterpreta d-dritt tal-Unjoni. Għal dak il-għan, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkollu l-obbligu li jirreferi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea l-mistoqsijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni (inkluż kunċett jew dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni) sabiex din tagħti deċiżjoni li tkun vikolanti fuq it-tribunal tal-arbitraġġ.

Miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni u l-interkonnessjoni bejn il-ftehimiet

10. Sistema effettiva ta' miżuri xierqa għandha tiggarantixxi l-integrità tas-suq intern f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ. B'mod partikolari, il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tinkludi l-possibbiltà li jittieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi tal-Unjoni, inkluż fil-ftehim ikkonċernat jew fi ftehim ieħor fis-seħħ.

Konsistenza mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

11. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 10, il-ftehimiet għandhom jibnu fuq il-qafas istituzzjonali stabbilit fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol tal-Kunsill ta' Sħubija.

12. Il-ftehimiet għandhom jinkludu dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li r-ritaljazzjoni inkroċjata bejn il-ftehimiet il-ġodda u l-oqsma koperti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tibqa' possibbli kif previst fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

13. Il-ftehimiet għandhom jiżguraw li l-klawżola dwar il-Miżuri ta' Salvagwardja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (l-Artikolu 773 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni) tkun tapplika.

14. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fir-rigward tal-elementi essenzjali (l-Artikolu 771 u l-Artikolu 772 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni) għandhom japplikaw fir-rigward tal-ftehimiet il-ġodda.

15. Id-dispożizzjonijiet fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li huma f'kunflitt mal-arranġamenti l-ġodda ma għandhomx jibqgħu jiġu applikati.

FTEHIM DWAR ŻONA SANITARJA U FITOSANITARJA KOMUNI

Kamp ta' applikazzjoni territorjali

16. Il-ftehim għandu japplika, fir-rigward tal-Unjoni, għat-territorji li fihom japplikaw it-Trattati u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fihom u, fir-rigward tar-Renju Unit, għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-Gran Brittanja[1].

Kamp ta' applikazzjoni materjali

17. Il-ftehim għandu jkopri regoli sanitarji, fitosanitarji, tas-sikurezza tal-ikel u tal-protezzjoni ġenerali tal-konsumatur applikabbli għall-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-prodotti agroalimentari, ir-regoli dwar il-produzzjoni organika u t-tikettar ta' prodotti organiċi, kif ukoll l-istandards tal-marketing applikabbli għal ċerti setturi jew prodotti. Dawn l-oqsma kollha għandhom jiġu indirizzati b'mod sħiħ, inkluż l-infurzar tar-rekwiżiti legali u r-regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-kontrolli uffiċjali.

Kontrolli u verifiki

18. Bħala parti mill-prinċipju ta' allinjament dinamiku deskritt hawn fuq, il-ftehim għandu jiżgura li r-Renju Unit, fir-rigward tal-Gran Brittanja, jallinja ruħu b'mod dinamiku mar-regoli rilevanti, inkluż dwar il-kontrolli u l-verifiki li japplikaw għall-kummerċ intra-UE.

19. B'konsegwenza ta' dan, il-ftehim jiżgura wkoll li r-regoli applikabbli għad-dħul fir-Renju Unit, fir-rigward tal-Gran Brittanja, mill-bqija tad-dinja, ta' annimali, pjanti, u dawk l-oġġetti, li huma soġġetti għar-regoli li magħhom ir-Renju Unit jallinja ruħu b'mod dinamiku fil-kuntest tal-ftehim, ikunu l-istess bħal dawk previsti mid-dritt rilevanti tal-Unjoni dwar id-dħul ta' annimali, pjanti u oġġetti fl-Unjoni mill-bqija tad-dinja.

Aspetti oħrajn

20. Il-ftehim għandu jkun bla ħsara:

- għar-regoli tal-oriġini applikabbli għall-kummerċ f'oġġetti bejn l-Unjoni u r-Renju Unit kif stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- għar-regoli doganali tal-Unjoni.

[1] Il-Qafas ta' Windsor jagħmel id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-SPS applikabbli awtomatikament għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Il-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll il-movimenti bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, huma mmexxija mill-Qafas ta' Windsor.

21. Indipendentement mit-tmexxija u mill-eżitu tan-negozjati, il-Qafas ta' Windsor ikompli jipprevedi r-regoli tal-Unjoni fir-rigward ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji u regoli rilevanti oħra tal-Unjoni li japplikaw għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

FTEHIM LI JGĦAQQAD IR-RENJU UNIT U S-SISTEMI TA' SKAMBJU TA' KOWTI TAL-EMISSJONIJIET TAL-UNJONI

Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u materjali

22. Il-Ftehim li jgħaqqad ir-Renju Unit u l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni għandu japplika għall-Unjoni, għat-territorji li fihom japplikaw it-Trattati u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u, għar-Renju Unit, fir-rigward tal-Gran Brittanja. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq ħlief fir-rigward tas-swieq tal-elettriku bl-ingrossa, fejn l-arranġamenti fl-Artikolu 9 fl-Anness 4 tal-Qafas ta' Windsor jibqgħu japplikaw. Il-ftehim għandu jiżgura li r-Renju Unit japplika l-istess kamp ta' applikazzjoni territorjali għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet bħall-Unjoni għall-avjazzjoni u t-trasport marittimu.

23. Il-Ftehim għandu jkopri l-aspetti kollha ta' rabta bejn is-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet bħal dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u l-leġiżlazzjoni derivata.

24. B'mod partikolari, is-setturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim għandhom jiġu definiti b'mod ċar. Fost l-oħrajn, il-kamp ta' applikazzjoni għandu jinkludi s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-ġenerazzjoni tas-sħana industrijali (minbarra t-tisħin individwali tad-djar), l-industrija, it-trasport marittimu domestiku u internazzjonali u l-avjazzjoni domestika u internazzjonali. F'dan il-kamp ta' applikazzjoni, il-ftehim għandu jiżgura l-allinjament dinamiku tar-Renju Unit mar-regoli rilevanti tal-Unjoni Ewropea biex jiġu evitati r-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u ta' distorsjonijiet kompetittivi. Il-Ftehim għandu jipprevedi proċedura biex tiġi estiża aktar il-lista ta' setturi li għandhom jiġu koperti mill-ftehim ta' kollegament.

25. Il-Ftehim għandu jiżgura wkoll l-allinjament dinamiku tar-Renju Unit mad-dispożizzjonijiet tal-qafas regolatorju u superviżorju finanzjarju tal-Unjoni applikabbli għall-kummerċ tal-kwoti tal-EU ETS u d-derivattivi tagħhom.

Ambizzjoni

26. Il-ftehim għandu jirrikjedi li l-perkors tal-limitu massimu u tat-tnaqqis tar-Renju Unit ikun ambizzjuż mill-anqas daqs il-perkors tal-limitu massimu u tat-tnaqqis segwit mill-Unjoni.

27. Il-ftehim ma għandux jillimita lill-Unjoni u lir-Renju Unit milli jsegwu ambizzjoni ambjentali ogħla, b'mod konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħhom.

Rikonoxximent tal-kwoti

28. Il-Ftehim għandu jinkludi obbligu li jiġu rikonoxxuti l-kwoti tal-emissjonijiet skont is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' parti waħda skont is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-parti l-oħra.

Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri

29. Il-ftehim għandu joħloq il-kundizzjonijiet biex il-merkanzija li toriġina mill-Unjoni u mir-Renju Unit tibbenefika minn eżenzjonijiet reċiproċi mill-Mekkaniżmi ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri rispettivi tal-Unjoni u tar-Renju Unit, soġġett għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni rispettiva tal-Unjoni u tar-Renju Unit.

Aspetti oħrajn

30. Il-ftehim għandu jiżgura li n-negozjar tal-kwoti u d-derivattivi tagħhom fis-swieq primarji u sekondarji jseħħ skont l-istess regoli bħal dawk li japplikaw fl-Unjoni, inklużi r-regoli rilevanti tas-settur finanzjarju.

31. Il-ftehim għandu jissalvagwardja l-integrità tas-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet fl-Unjoni.

32. Il-ftehim għandu jinkludi dispożizzjonijiet xierqa relatati mal-ftuħ tan-negozjati tal-Unjoni bil-ħsieb li s-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni tiġi konnessa mas-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' pajjiżi terzi oħra.

33. Il-ftehim għandu jkun fih dispożizzjonijiet tranżizzjonali xierqa fir-rigward tal-kwoti fiċ-ċirkolazzjoni f'każ ta' terminazzjoni tal-ftehim.

KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA

34. Ir-Renju Unit għandu jġarrab kostijiet xierqa għall-parteċipazzjoni fil-qasam sanitarju u fitosanitarju komuni u għall-implimentazzjoni tal-ftehim biex jgħaqqad ir-Renju Unit u l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni.

35. Ir-Renju Unit għandu jikkontribwixxi finanzjarjament għall-appoġġ tal-kostijiet rilevanti assoċjati mal-ħidma tal-Unjoni f'dawn l-oqsma ta' politika. Dan jinkludi kontribuzzjoni finanzjarja fost l-oħrajn għall-funzjonament tal-aġenziji, is-sistemi u l-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni li għalihom ir-Renju Unit jikseb aċċess xieraq.

ARRANĠAMENTI PROĊEDURALI GĦAT-TMEXXIJA TAN-NEGOZJATI

36. Il-Kummissjoni għandha twettaq in-negozjati f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar ir-Renju Unit, li għandu jkun kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) TFUE.

37. Il-Kummissjoni għandha, b'mod f'waqtu, tikkonsulta u tirrapporta lill-kumitat speċjali. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi b'mod f'waqtu l-informazzjoni neċessarja kollha u d-dokumenti relatati man-negozjati.

38. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, b'mod f'waqtu, iżżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bis-sħiħ dwar in-negozjati.